

ID-DEĊIŻJONI Nru 74/2021 TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT SKONT IL-FTEHIM DWAR L-GĦARFIEN REĊIPROKU BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-ISTATI UNITI TAL-AMERKA**tat-8 ta' Frar 2022****relatata mal-elenkar ta' Korpi għall-Valutazzjoni tal-Konformità fl-Anness Settorjali dwar it-Tagħmir tat-Telekomunikazzjoni [2022/371]**

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar l-Għarfien Reċiproku bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka u b'mod partikulari l-Artikoli 7 u 14;

Billi l-Komitat Konġunt irid jieħu d-deċiżjoni li jelenka Korp jew Korpi ta' Valutazzjoni tal-Konformità skont Anness Settorjali;

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

1. Il-Korp għall-Valutazzjoni tal-Konformità fl-Hemża A qed jiżjed mal-lista ta' Korpi għall-Valutazzjoni tal-Konformità fil-kolonna "Access tal-KE għas-suq tal-Istati Uniti" fit-Taqsima V tal-Anness Settorjali dwar it-Tagħmir tat-Telekomunikazzjoni.
2. Il-kamp ta' applikazzjoni speċifiku tal-elenkar, f'termini tal-prodotti u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, tal-Korp ta' Valutazzjoni tal-Konformità indikat fl-Hemża A ġie miftiehem mill-Partijiet u se jinżamm minnhom.

Din id-Deċiżjoni, magħmula f'żewġ kopji, għandha tiġi ffirmata minn rappreżentanti tal-Komitat Konġunt li huma awtorizzati biex joperaw fisem il-Partijiet għall-finijiet tal-emendar tal-Ftehim. Din id-Deċiżjoni għandha tkun effettiva mid-data li fiha tkun saret l-aħħar waħda minn dawn il-firem.

Fisem l-Istati Uniti tal-Amerka

James C. SANFORD

*Iffirmata f'Washington, fit-2 ta' Frar 2022**F'isem l-Unjoni Ewropea*

Lucian CERNAT

Iffirmata fi Brussell, fit-8 ta' Frar 2022

Hemża A

Korpi tal-KE għall-Valutazzjoni tal-Konformità miżjuda mal-lista ta' Korpi għall-Valutazzjoni tal-Konformità fil-kolonna "Aċċess tal-KE għas-suq tal-Istati Uniti" fit-Taqsima V tal-Anness Settorjali dwar t-Tagħmir tat-Telekomunikazzjoni

**KL-Certification GmbH
Heinrich-Hertz-Allee 7
66386 St. Ingbert
GERMANY**